KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 45 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar Il-Erbgħa 18 ta' Marzu 2015 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35pm | 9.40pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30pm | 9.40pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | Skuzat | |
| Kunsillier Abraham Bezzina | Skuzat | Marid |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Skuzata | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.45pm | 9.40pm |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | Skuzat | Marid |
| Kunsillier James Cassar | 7.45pm | 9.40pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.35pm | 9.40pm |
| Kunsillier David Meilak | 7.40pm | 9.40pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.00pm | 9.40pm |

L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur Daniel Cassar kien preżenti għal-laqgħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri attenda l-laqgħa.

Il-Laqgħa kienet imxandra bil-live streaming fuq il-website tal-Kunsill.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 44- 19 ta' Frar 2015

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru : 44 li saret fid-19 ta' Frar, 2015 kienu intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament wara li saru żewġ emendi f'item 3 (d) it-tielet paragrafu kif ġej :

Wara il-kliem « li kien Sindku hu » jidħlu l-kliem « għalkemm ma kienux tlestew għal-kollox » u tiżdied sentenza fl-aħħar tal-paragrafu : « Huwa qal ukoll li hemm rapport dettaljat tal-Perit Maurice Galea fejn elenka l-penali, nuqqasijiet, etc. »

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

## 2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti

2.01 – Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia irraportat li sar l-iffirmar tal-ftehim mal-Ministeru tal- Ambjent fejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta ser jingħata s-somma ta' 30,000 Euro għal-tisbieħ tal-lokal tal-Mosta bi pjanti.

Hija rrapportat ukoll li l-applikazjoni tal-Kunsill għal-proġetti kapitali mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għal-installazjoni ta' lifts ġodda fiċ-Ċentru Ċiviku ġiet aċċettata u l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' 25,000 Euro. Dawn jiżdiedu mas-somma ta' 20,000 Ewro li kkommetta li jħallas d-Dipartiment tal-Primary Health għal-istess skop. Allura b'total ta 45,000 Euros għad-disposizzjoni tal-Kunsill għal-lift, il-Kunsill li jmisss jista jagħżel li jagħmel żewġ lifts ġodda. Wieħed żgħir passenger lift fit-taraġ u l-ieħor għall-istretchers li jirreplacja dak li hemm bħalissa.

Hija qalet li l-applikazjoni l-oħra għal-finanzjament tal-proġett tat-Tarġa Battery ma kenitx ġiet aċċettata.

Dwar id-dawl propost fuq il-pont ta' bejn Triq il-Fortizza u Vjal Ragusa issa ġie approvat mil-Enemalta. Sar site meeting mal-Inginier Mario Galea ta' Galea Curmi Engineering Consultants u dan għandu jibgħat id-dettalji ta' kif għandu jsir ix-xogħol. Il-Kuntrattur Adam Bugeja għandu jipprepara it-trinek meħtieġa fuq il-bridge u jsir ix-xogħol tal-lampi li ser jeħlu fil-baxx fuq iż-żewġ naħat tal-pont.

Dwar ix-xogħol li qed isir fuq il-playing field taż-żona ta' Santa Margerita, s-Sindku qalet li l-inawgurazjoni ta' dan il-playing field ser tiġi ttardjata ftit minħabba t-temp ħażin li tefa' x-xogħol lura. Hu ppjanat li dan jiġi nawgurat fl-4 ta' April, 2015.

F'dan l-istadju ntalbet u ġiet approvata unanimament sospensjoni tar-regolamenti sabiex l-laqgħa tiddiskuti l-ftehim tal-użu tal-kamra tal-Ġnien tal Blata-L-Gholja sabiex tintuża mill-youth workers Youth Included li huma NGO irreġistrati bin numru 1060. Din l-NGO huma rrapreżentati mis-Sinjuri Martin Chetcuti u Stephanie Camilleri. Is-Sur Martin Chetcuti kien preżenti mal-udjenza u ġie mistieden jispjega l-funzjonijiet tal-NGO Youth Included. Il-ftehim ġie approvat unanimament u għandu jiġi iffirmat fil-jiem li ġejjin.

## 3.0 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta Pagamenti

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti Nru 34 għall-ammont ta €50,285.87 kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### (b) Lista tal-Works Orders

Il-lista tal-works orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### c) Lista ta Purchase Orders

Il-lista tal-purchase orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**d) Lista ta Depożiti**

Ġiet approvata unanimament il-lista ta' depożiti. Lista annessa ma dawn il-minuti kif ippreżentata.

**e) Performance Bonus tal-Agent Segretarju Eżekuttiv.**

L-Aġent Segretarju Ezekuttiv, is-Sur John J. Camilleri talab li peress li huwa kien ser jirtira bl-eta tal-pensjoni fil-31 ta' Marzu, 2015 u peress li kienet gejja elezjoni ta' Kunsill gdid kien xieraq li d-deċiżjoni ta jekk u kemm ghandu jingħata performance bonus jigi deċiż min dan il-Kunsill.

Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata l-full performance bonus ta' 10% pro-rata għal-perjodu minn Jannar, 2015 sal-31 ta' Marzu, 2015. Għandhom jiġu mħallsa l-ammonti dovuti lilu sa tmiem l-impjieg tiegħu.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista Nru:41 ta' 4 items ta' korrispondenza. Id-deċiżjoni dwar din il-korrispondenza tinstab annessa ma' dawn il-minuti.

5.0 **Rakkomandazzjoni tal-Interviewing Bord għal-Post ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.**

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia qalet li l-Bord tal-Għażla magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsillier Alex Muscat iltaqa 3 darbiet. Kien hemm biss 3 applikazjonijiet eliġibli. Dawn kienu llkoll mill-lista tal-*pool* għaliex ma kien hemm l-ebda applikazjoni eliġibli min persuni li diga kienu Segretarji Ezekuttivi. Dawn it-tlieta gew imsejħa għal-interview iżda wieħed biss attenda. Dan kien is-Sur Christopher Lawrence Francalanza. Meta l-membri tal-Bord tal-Għażla taw il-marki tagħhom dan ma ġabx *pass mark* u għalhekk il-Kunsill issa għandu jerġa jibda l-proċess tal-għażla mill-ġdid. Sa dan it-tant id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jintalab jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv ieħor.

**6.00 Laqgħa kordjali mal-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ tal-Mosta**

Kienu preżenti fl-udjenza l-membri l-ġodda tal-Kunsill Żgħażagħ tal-Mosta u wara approvazjoni ta' sospensjoni tar-regolamenti dawn ġew mistiedna jindirizzaw lil-Kunsilliera.

Is-Sindku żgħażugħ is-Sur Zak Farrugia introduċa lilu nnifsu u stieden lil membri l-oħra sħabu jintroduċu ruħhom. Dawn huma: Is-sur Matthew Sciberras - Segretarju, Is-Sinjorina Sarah Camilleri – Ambjent, Is-Sur Luke Camilleri – PRO u Link fuq Social Media, Is-Sur Miguel Calleja – PRO coordinator u Link mal-Kunsilliera, u Andrea Abela – Kultura u Volontarjat. Kienet preżenti wkoll il-Youth Worker Ms. Maria C Borg li ħadet ħsieb tikkoordina u tlaqqa lil-dawn iż-żgħażagħ. Hija rringrazjat lill-Kunsill u talbet li meta jitla l-Kunsill il-ġdid terġa ssir laqgħa oħra ma dawn iż-żagħżagħ. Is-Sindku

awgurat u rringrazjat lis-Sinjura Borg u liż-żgħażagħ. Hi talbithom sabiex jipparteċipaw u jgħinu fl-attivitajiet tal-Kunsill . Ħeġġithom ukoll li jippreparaw proġett tajjeb li għandu jiġi ppreżentat għall-finanzjament aġenzija żgħażagħ liema proġett ikun ta fejda għall-Mostin kollha.

**7.0 Open Day Katakombi ta' Bistra**

Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia avżat li Heritage Malta flimkien mal-Kunsill ser jorganizzaw 'Open Day' nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu mill 10am sas 2.00pm għal-Katakombi ta' Bistra. Ser jittella banner u jsiru avviżi fuq il-public media. Dħul b'xejn u jkun hemm *guided tours* kull ¾ ta' siegħa. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera sabiex jattendu wkoll.

**8.00 Aġġornament fuq il-Kuntratt tal-Proġett tal-Pjazza Rotunda u Pendenzi fuq il-Proġett ta' Mlit**

Ġie ppreżentat u approvat unanimament l-abbozz tal-ftehim kif ippreparat mill-avukati tal-Kunsill u tal-kumpanija V & C Contractors Ltd dwar kif għandu jitħallas il-bilanċ dovut lil din il-kumpanija fuq ix-xogħol li kien sar fi Pjazza Rotunda. Dan il-ftehim intlaħaq wara li V & C aċċettaw li jċedu parti mill-ammont dovut u li anke jċedu t-talba tagħhom għal interessi li kienu qed jitolbu. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew awtorizzati jiffirmaw dan il-ftehim.

Ġie spjegat li ftehim dwar il-pendenzi finanzjarji li hemm mall-kumpaniji, V&C Contractors Ltd u Philip Agius and Sons dwar bilanċi dovuti fuq xogħol li kien sar f' Ta' Mlit kien għadu ma ntlaħaqx għaliex hemm diverġenza ta opinjoni dwar kif għandhom jinħadmu l-interessi, dejjem jekk dawn huma dovuti. Il-każ qiegħed f'idejn l-avukati taż-żewg entitajiet waqt li fl-istess ħin hemm arbitraġġ pendenti.

**9.00 Proposta ta' Żvilupp strutturali fit-3 sular taċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda pjanti kif propost li jsir żvilupp fit-tielet sular tac-Ċentru Ċiviku sabiex kemm iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum kif ukoll il-Youth Empowerment Centre jibdew jiltaqgħu u joperaw minn hemm u b'hekk jiġu ffrankati ammonti ta' flus sostanzjali li qed jitħallsu kull sena f'kirjiet mingħand il-privat. Dan il-post jkun jista jintuża għall-ħafna affarijiet u attivitajiet oħra li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jiġu organizzati mill-Kunsill. Is-Sindku qalet li issa sta għal-Kunsill il-ġdid li jistudja dawn il-pjanti u jara kif jista jitwettaq dan il-proġett li huwa investiment kapitali. Dan il-proġett ġie approvat unanimament fil-prinċipju mill-kunsilliera kollha preżenti.

**10.0 Affarijiet Oħra**

Il-Laqgħa spiccat fid-9.40pm.

| | |
|---|---|
| Dr. Shirley Farrugia | John J. Camilleri |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |